# **Tribunal Industrijali**
# **Decizjoni nru: 2964**

**Kaz Nru: 3892 ET** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**Bejn**

**Peter Kriznar (Dokument tar-Residenza bin-numru 100222A)**

**u**

**Eden Hospitality Limited (C35719)**

**u**

**Inter-Continental Hotels Corporation (OC409)**

**u**

**Intercontinental Hotel Malta & Holiday Inn Express**

**u bil-verbal tas-19 ta' April, 2022 ghandu jinqara ghal Eden Hospitality Limited (C35719)**

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

Illum il-Hamis 25 ta' Jannar, 2024

**Nota:**

Dan il-process tmexxa kollu mic-Chairman Harold Walls. Ghal ragunijiet li mhux se joqoghodu jigu spjegati hawn, l-amministrazzjoni tat-Tribunal ghaddiet dan il-process biex jigi deciz mic-Chairman is-Sur Edmund Tabone.

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz.**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta rikors mill-Avukati Dr Roselyn Borg u Dr Patrick Farrugia ghar rikorrent fit-22 ta' Settembru 2020.

Ir-rikorrent kien impjegat ma Eden Hospitality Ltd fl-irwol ta Luxury Services Manager u inghata s-senja fit-22 ta' Mejju 2020. Sensja li ma kienetx genwina ghal raginijiet kif se turi d-dikjarazzjoni li ssegwi u t-trattazzjonijiet fil-mori tal-kwistjoni.

Ir-rikorrent iddikjara li beda jahdem mas-socjeta ntimata fl-2013, sakemm fit-13 ta' Novembru 2017 (informazzjoni mill-Jobsplus) inaghata l-rwol ta' Luxury Services Manager b'kuntratt indefinit u illi kien habrieki , qatt ma kellu problem ta' komportament u qas fuq prestazzjoni professjonali fuq il-post tax-xoghol.

Illi r-rikorrent kien assenta ruhu mill-post tax-xoghol fix-xhur inizjali fej il-pandemija Covid 19 laqtet lil Malta minhabba kemm hu u ukoll ommu, li tghix mieghu, tqiesu bhala persuni vulnerabbli. Gara li ftit wara inghata s-sensja, liema sensja kienet ghal kollox mhux genwina ghaliex l-eks assistenta tieghu bdiet qed taghmel xogholu.

Illi l-ahhar gurnata tar-rikorrent kienet 29 ta' Frar 2020, fejn wara huwa hareg fuq perjodu ta leave tal-vaganzi li f'nofsu kien marad u ghaldaqstant ha xi sick leave. Id-data tas-sensja ufficjali kienet il- 31 ta' Mejju 2020.

Illi fit-tieni gimgha ta' Marzu 2020, meta kien ghadu assenti mix-xoghol, ir-rikorrent kien infurmat illi kulhadd kien se jkollu s-sieghat ta' xoghol imnaqqsa bhala mizura kontra l-effett tal-pandemija u illi r-rikorrent accetta bla problemi.

Illi fl-istess waqt, f'Marzu 2020 kemm ir-rikorrent u ommu ta 88 sena ircevew ittra li kienet tintbghat mill-awtoritajiet tas-sahha li kklassifikathom bhala persuni vulnerabbli skont l-Ordni dwar il-Protezzjoni ta Persuni Vulnerabbli illi nharget dak iz-zmien biex tipprovdi li tali persuni 'ghandhom jibqghu segregati fir-residenza taghhom'.

Illi r-rikorrent u l-kollegi gew infurmati illi jekk hemm minnhom li huma persuni vulnerabbli ghandhom jibqghu d-dar u ghaldaqstant gie mitlub li jissottometti l-ittra tal-persuni vulnerabbli lil persuna partikolari fid-dipartiment tar-rizorzi umani.

Fuq bazi amikevoli, ir-rikorrent tkellem mal-HR Manager Marijana Fedoroff fejn spjegala li ma xtaqtx jikxef taghrif li kellu hu permezz ta dan il-process u li hi biss kienet taf dwarha u allura hi qablet li jissottometti l-ittra ta ommu biss u dan kien ikun bizzejjed sabiex hu jigi ezentat milli jattendi ghax xoghol.

Illi fl-20 ta Mejju 2020 fis-11:58, ir-rikorrent ircieva telefonata minn Marijana Fedoroff li talbitu jekk kienx lest jidhol lura ghax xoghol u li hi u l-Hotel Manager Neil Debono xtaquh jattendi ghal laqgha sabiex jiddiskutu s-suggett.

Illi in vista ta dan, ir-rikorrent ddikjara illi l-ordni ufficjali msemmija f'dak iz-zmien kienet ghadha fis-sehh bil-forza tal-ligi u ghaldaqstant il-lukanda ma kellha l-ebda dritt taghmel tali talba.

Illi r-rikorrent intalab jattendi laqgha fil-lukanda ma Marijana Fedoroff u Neil Debono fit-22 ta Mejju 2020 fil-11:15 fejn gie nfurmat illi qieghed jinghata s-sensja minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19 u ristrutturar li sar b'konsegwanzatal-pandemija. Neil Debono ma attendiex ghall-laqgha.

Ir-rikorrent gie offrut l-ghazla li jew jidhol xoghol l-4 gimghat notice tieghu jew jieqaf dak il-hin u jithallas nofs paga ta gimghatejn. Huwa wiegeb li huma kienu jafu sew li l-ligi ma kienitx tippermetti li huwa jidhol xoghol f'dak il-mument u li din ma kienetx l-ghazla tieghu. Ukoll sahaq li ma kienx lest jidhol lura xoghol ghaliex innota li hafna impjegati ma kienux qed juzaw maskri u jzommu d-distanza socjali, u li fil-bathrooms ma kienx hemm sapun u deher car li l-lukanda ma kienitx qed issegwi l-linji gwida illi hargu l-awtoritajiet.

Illi l-Hadd 24 ta' Mejju 2020, u allura jumejn biss wara li inghatatlu s-sensja u f'jum fejn is-sinjura Federoff ma kienitx xoghol normalment, hija baghtet memo interna lill-impjegati kollha sabiex jiehdu iktar hsieb fir-rigward tal-mizuri u l-linji gwida mahruga mill-awtoritajiet.

Illi fl-ittra tas-sensja lir-rikorrent, il-lukanda tishaq bic- car li l-pozizzjoni tar-rikorrent giet totalment abolita.

Illi l-eks assistenta tar-rikorrent, Ms Paula Sardon Martin, lahqet Acting Club Lounge Manager u hawnekk irid jigi sottomess illi klawzola 4 tal-kuntratt ta l-impjieg tar-rikorrent tindika bic-car illi l-rwol ta Luxury Services Manager huwa ghal kollox, jew jekk mhux ghal kollox kwazi, l-istess bhal dak ta Club Lounge Manager u li l-bidla hija biss kosmetika.

Illi fil-laqgha tat-22 ta' Mejju 2020, Marijana Fedoroff infurmat lir-rikorrent illi huwa kien ha 21 jum leave zejda u li kellu jhallas l-ammont lura, filwaqt li hu rrisponda billi qal li l-payslip kienet turi li sa dakinhar kien baqaghlu 21 jum leave bhala intotalment. Is-Sinjura Federoff qaltlu li ha tinvestiga.

Illi fl-email li ntbaghtet lir-rikorrent flimkien ma l-ittra tas-sensja, Marijana Fedoroff sahqet illi l-allegat dejn tal-leave imsemmi qed jigi mahfur.

Illi b'konsegwanza tal-fatti sueposti, jidher bic-car illi s-sensja tar-rikorrent ma kienet bl-ebda mod genwina izda kienet biss skuza sabiex il-lukanda tkeccieh filwaqt li kien effettivament kontra l-ligi li taghmel dan u minfloku tqabbad lill-eks assistenta tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jiddikjara u jiddeciedi illi l-allegata sensja m'hijiex genwina u ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent tammonta ghal tkeccija ingusta u kontra l-ligi.

Illi jiddikjara u jiddeciedi li s-socjeta ntimata tinzamm responsabbli ghal hlas ta' kumpens gust u ekwu skont il-ligi u jillikwida l-istess u jordna l-hlas tal-ammont hekk likwidat lir-rikorrent.

Minn naha taghha s-socjeta ntimata, permezz tal-Avukati Dr Ryan C. Pace, Dr Michele Cardinali U Dr Colin Deguara iddikjarat tlett (3) eccezzjonijiet preliminari li kienu:

Illi t-talba tar-rikorrent hija nulla, improponibbli u inammissibli billi din gietipprezentata fuori termine;

Illi subordinatament u bla hsara ghal permess, l-irritwalita u n-nullita tal-att li bih 'inbdiet' din il-procedura billi dan ma jsemmix il-fatti tal-kawza kif irid l-Artiklu 75(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta Malta; u

Illi preliminarajament ukoll u f'kaz li l-eccezzjonijiet ta hawn fuq ma jigux akkolti, il-karenza tal-interess guridiku ta Inter-Continental Hotels Corporation billi din ma ghandiex relazzjoni guridika mar-rikorrent u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

F'Decizjoni Preliminari Nru: 2770, datata 21 t' Ottubru 2021, ic-Chairman li kien assenjat b'dan il-kaz cahad l-eccezzjonijiet kollha u li ghaldaqstant it-Tribunal ikompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Is-socjeta ntimata kompliet tiddikjara illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-impjieg tieghu bhala Luxury Services Manager gie terminat b'effett mit-

22 ta' Mejju 2020, ghal ragunijiet tajba u sufficjenti fil-ligi u illi t- terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret genwinament u validament skont il-ligi u ghalhekk kull allegazzjoni kuntrarja da parti tar-rikorrent qieghda tigi kategorikament respinta.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu x-xhieda migjuba mill-partijiet kif ukoll gew esebiti diversi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkonsidra jekk is-sensja in-kwistjoni kinitx wahda gusta, genwina u li saret fuq kusiderazzjonijiet  professjonali u allura ghal ragunijiet tajba u bizzejjed.

It-Tribunal fela x-xhieda kollha, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u t-trattazzjonijiet finali u kkunsidra dawn il-punti ewlenin ta fatti u provi li hargu matul il-process.

Ir-rikorrent kien ilu jahdem mas socjeta ntimata mill-2013 u gie ssensjat f'Mejju 2020. Dejjem kellu rwoli manigerjali li dejjem kellhom x'jaqsmu direttament ma l-ospitalita 'high end', ospitalita partikolari lil klijenti li jibbukkjaw kmamar lussuzi u anka jgawdu minn servizzi esklussivi tal-club lounges. Ma hareg xejn mill-process fuq xi nuqqasijiet fuq r-rikorrent rigward prestazzjoni u/jew dixxiplina u ghaldaqstant it-Tribunal jifhem li r-rikorrent kien professjonali f'xogholu u qatt ma kellu xi nkwiet partikolari mas-socjeta` ntimata.

Ir-rikorrent kien impjegat fuq kuntratt indefinit b'salarju ta' euro 2,500 fix-xahar. Meta faqqet il-pandemija is-socjeta ntimata taghtu 'contract addendums' temporanji sakemm jigi kollox ghan normal. F'Marzu 'il-conrtact addendum' tar-rikorrent kien ta euro 1,902 u f'April nizzluh ghal euro 1,502. Fix-xhieda tieghu ir-rikorrent sahaq li dawn' il-contract addendums' saru biex, skont is-socjeta ntimata, jinzamm l-impjieg sakemm jigi kollox ghan normal.

Fis- 17 ta' Marzu 2020, il-lukanda ghalqet minhabba l-pandemija u r-rikorrent kien ufficjalment certifikat bhala bniedem vulnerabbli mill-awtoritajiet. Ftit li xej kien hemm kuntatt mal-lukanda. Il-Lukanda reggghet fethet f'nofs Gunju 2020.

Matul il-perjodu li kienet maghluqa l-HR Manager, Marijana Fedoroff, stqarret fix-xhieda li wahda mill-azzjonijiet principali li hadet il-lukanda kienet li thares lejn il-haddiema b'kuntratt definit u dawk li kien ghadhom fuq probation bl-intenzjoni tkun li tittermina l-impjieg, f'dawn il-kazi, b'mod leggittimu.

Fit-22 ta Mejju 2020 ir-rikorrent kien mitlub jattendi laqghha fil-lukanda fejn Marijana Fedoroff infurmatu li postu gie 'abolished'. Sadanittant kien perjodu fej il-lukanda kienet ghadha maghluqa.

Jidher li skont Marijana Fedoroff, din id-decizjoni ittiehdet minn livelli ta management ghola minn taghha ghax skont hi sar ristrutturar minhabba l-pandemija. Dan hareg mix xhieda taghha fil-kontro-ezami.

Ir-rikorrent qalulu jekk iridx jahdem in-notice jew li jithallas gimghatejn notice. Huwa ghazel li jithallas ta gimghatejn propju ghax kien ghadu vulnerabbli u r-regoli ufficjali tal-covid 19 kienu ghadhom in-vigore. Dawn ir-regoli gew imwaqqfa fil-5 ta' Gunju 2020.

Fil-laqgha li kellu ir-rikorrent ma inghatax xi dettal tar-ristrutturar jew spjega professjonali ghaliex postu u r-rwol tieghu kien qed jigi 'abolished'. Hu, dak in-nhar stess, inaghta ittra ta terminazzjoni iffirmata minn Marijana Fedoroff li kienet tghid, li minhabba l-pressjoni tal-pandemija, postu gie 'abolished' minhabba ristrutturar relatat, u li ghalqastant, ma kienx bzonn iktar is-servizz tieghu.

Ir-rikorrent, meta x-xoghol kien ghadu ghaddej normali, kellu bhala assitenta lil Paula Sardon, li kellha titlu ta Assistant Luxury Services Manager.  Jidher li din ukoll kienet tajba f'xoghola u gieli hadmet split shifts mar rikorrent, u allura kwazi taghmel l-istess xoghol apparti xi decizjonijiet ta portata manigerjali.

Fix-xhieda, kemm ir-rikorrent u kemm Paula Sardon, ma qalux kelma negattiva fuq xulxin.

Paula Sardon, kienet fuq kuntratt definit li kien jaghalaq fit-3 ta' Gunju 2020. Paula Sardon giet appuntata Acting Club Lounge Manager malli r-rikorrent gie redundant u inghatat allowance ta Euro 500 fix-xahar. Paula Sardon , skont figuri li kienu jintbgahtu lid-DIER minhabba il-wage supplements fl-1 ta' Lulju 2020, kienet qed tahdem gimgha ta' erbghin (40) siegha normali. Wara giet promossa ghal Club Lounge Manager u Front Office manager. Wara xi zmien hi kienet irrezenjat.

Is-socjeta ntimata sahqet li l-job descriptions ta Luxury Services Manager u Club Lounge Manager ma kienux l-istess. Minn naha tieghu, r-rikorrent, tenna li dawn kienu l-istess u forsi b'differenzi zghar kosmetici li saru propju anka biex jiggustifikaw is-sensja.

Is-Socjeta ntimata spjegat li hadd ma beda jghmel lir-rwol tar-rikorrent. Marijana Fedoroff fix-xhieda taghha spjegat li  l-Club Lounge Manager kien responsabbli mill Club Lounge u li ix - xoghol kien jinvolvi li jikkomunika u jahdem mal Front Office fuq Luxury Suites.

Illi r-rikorrent kien Head of Department jirraporta lil Hotel Manager imma fl-1 ta' Mejju 2022, kompliet Marjana Fedoroff, il-Club Lounge Manager sar jirraporta lil Front Office manager, li kien jirraporta lil Head of Department iehor li kien jirraporta lil Hotel Manager.

Izda, Marjana Fedoroff, fil-kontro-ezami qablet bil-kelma 'correct' illi fi klawzola 4 tal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent hemm hekk: 'You will be employed in the position of Luxury Services Manager and you shall report to the Hotel Manager of the hotel. Your main duties and responsibilities shall be those appearing in the job description for a Club Intercontinental Lounge Manager which will be given to you upon commencement of your position at the hotel.'

Paula Sardon, meta fix-xhieda giet mistoqsija fuq meta hadet ir-responsabilita tal-Club Lounge f'Gunju 2020  qalet: ' Peter responsibilities. I started to do his job'. U kompliet : 'Until April 2021 I was still doing Peter's job'. Meta giet mistoqsija mis-socjeta ntimata jekk innutatx xi ristrutturar Paula Sardon wiegbet: ''It was not that they changed departments or anything.'

Fil-kontro-ezami qalet ukoll: 'Luxury Suites never closed, neither the club rooms. They were having breakfast there plus other guests of the hotel'. Dan il-fatt gie konfermat mis-socjeta ntimata li meta l-hotel regghet fethet il- Club Lounge kienet tintuza ghal beakfast u xi servizzi

ohra zghar kemm ghal VIp clients u anka ghal bqija tal guests. Ovvjamnet ghax l-ammonti kienu zghar f'dak il-perjodu specjalmet u anka minbabba ragunijiet ta sahha ghax il-club lounge li qieghda fil-hmistax (15) -il sular ghandha ukoll parti fuq barra.

Ix-xhieda kienet ukoll tinkludi ghan-naha tas-socjeta ntimata lil Nicholas Rana, Commercial Director u lil Andrei Attard, li spjegaw id-diffikultajiet finanzjari li ghaddiet minnhom il-lukanda waqt il-pandemija u ukoll, pprezentaw financial statements relatati.

Fit -trattazzjonijiet finali is-socjeta ntimata qalet li l- 'abolition of office' tar-rikorrent hadd ma kellu kontroll fuqu fic-cirkostanzi. Minn naha tieghu ir-rikorrent tenna li rwoli ta Club Lounge Manager u Luxury Services Manager huma l-istess kif konfermat fil-kuntratt ta l-impjieg tar-rikorrent, u ghaldaqstant, ir-rikorrent ingustament spicca ssensjat, u Paula Sardon hadet postu.

**Decizjoni**

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti, il-provi, ix-xhieda, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u t-ttrattazzjonijiet finali.

Wara li ghamel il-kunsiderazzjonijiet necessarji kif spjegat, it-Tribunal jagharaf nuqqasijiet serji u bazici kif giet ittrattata s-sensja.

Meta employer jiddikjara li post tax-xoghol gie 'abolished', kif dejjem tenniet is-socjeta ntimata, dan biex ikun rejali, genwin u gust ikun irid ifisser li dak l-irwol ma baqghax jezisti b'mod assolut mill inqas ghat-tnax il-xahar li jsegwu.

Il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent ma jiddistingwix bejn Luxury Services Manager u Club Lounge Manager . Anzi, jikkonferma li huma l-istess kif ukoll ikkonfermat l-HR Manager Marijana Fedoroff.

Paula Sardon, xhedet, li hadet post ir-rikorrent u bdiet taghmel xogholu, u kompliet taghmel xogholu mill-ewwel kif gie redundant. Apparti, li din giet promossa u kompensata kif gie spjegat.

It-Tribunal jagharaf, li x-xoghol vera naqas drastikament, minhabba l-pandemija, imma ma damx ma rega qabad wara Gunju 2020. Ix-xhieda ta Paula Sardon, tikkonferma dan kif gie ukoll spjegat.

Apparti n-nuqqas ta xoghol, it-Tribunal ma jinnota l-ebda tibdil drastiku fid-doveri jew fin-natura tax-xoghol ta Paula Sardon. Is-socjeta ntimata ma pprezentat l-ebda pjan professjonali u konkret ta' ristrutturar. Kien sar xi caqlieq fil-gradi u rapurtagg kif spjegat minn Marijana Fedoroff, izda dan sar f'Mejju 2022. Sentejn wara s-sensja tar-rikorrent.

F'kas ta sensja, il-genwinita taghha trid tigi nnotata mhux ghax jinbidel xi isem jew titlu, imma meta l-irwol ma jibqax jezizsti u li l-'business strategy' tan-nicca partikolari li kien jahdem fiha r-rikorrent ukoll ma tibqax tezisti. Kieku dan kien minnu, u nimxu bil-logika, kieku anka Paula Sardon kellha tigi redundant.

Jirrizulta izda, li l-rwol u x-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent baqghu fattwalment jezistu.

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi li s-sensja tar-rikorrent mis-socjeta ntimata ma kienitx gusta u genwina u ghal ragunijiet tajba u bizzejjed.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ukoll jiddeciedi fuq kunpens lir-rikorrent u dan qed jigi stabbilit, anka wara li t-Tribunal ha in-kunsiderazzjoni kemm ir-rikorrent dam bla xoghol , fl-ammont ta seba t-elef u hames mitt euro (euro 7,500) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta ntimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jigu stabbiliti fl-ammont ta' euro 93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Is Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip Mgt**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Miguel Aquilina**
**Ghas-Segretarju**